MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 611/2014

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Supermarkets (1960) Limited u l-istess Supermarkets (1960) Limited (C-481)**

**Vs**

**Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Awissu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' elf tlett mija u disghin ewro u hamsin centezmu (€1,390.50) mitluba b'dan l-avviz tirrapprezenta d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici Supermarkets (1960) Limites, assigurat mas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, u li ghalihom ghamlu tajjeb, in kwantu ghall-ammont ta' elf wiehed u erbghin ewro u hamsin centezmu (€1,041.50) is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, u in kwantu ghall-ammont ta' tlett mija disa' u erbghin ewro (€349) l-istess socjeta' attrici Supermarkets (1960) Limited in linea ta' 'excess payment', liema danni gew subiti fl-istabiliment 'Marks & Spencer' gewwa tas-Sliema u dan in segwitu ghal perkolazjoni ta' ilma mill-5 ta' Awissu,

2013 sas-17 ta' Awissu, 2013 provvenjenti minn 'pipe' tal-ilma li kien jaqa' taht ir-responsabilita' tal-Korporazzjoni konvenuta.

Di fatti, fil-15 ta' Awissu, 2013, saru t-tiswijiet necessarji fil-'pipe' in kwistjoni mill-istess Korporazzjoni konvenuta u dan sussegwentament ghal zewg rapporti illi saru mis-socjeta' attrici Supermarkets (1960) Limited [bin-numri 301076493 u 301087276].

Ghaldaqstant, il-Korporazzjoni konvenuta kienet unikament responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi u ghar-risarciment taghhom.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar, 2014, u bl-imghax legali b'effett mill-11 ta' Frar, 2014 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-Korporazzjoni konvenuta, bl-ingunzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta in subizzjoni.

Illi s-socjeta' konvenuta minkejja li kienet debitament notifikata naqset li tidher ghas-seduta quddiem it-Tribunal.

Ghalhekk wara li gie ddikjarat bil-gurament illi l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu, it-Tribunal laqa' it-talba u jikkundanna lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex thallas lil atturi s-somma ta' elf tlett mija u disghin ewro u hamsin centezmu (€1,390.50).

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-Korporazzjoni konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------